MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 248/2010

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**NET4U Ltd (C34827)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tas-socjeta` GO p.l.c. datat 16 ta’ Marzu 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` GO p.l.c. ipprezentat servizz lis-socjeta` konvenuta, skont il-ftehim hawn anness u mmarkat Dok “A”.

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sittax-il elf mitejn u erbatax-il ewro tmienja u

sebghin centezmu (€16,214.78) u dan skont id-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok “B”, “C”, “D” u “E”.

Illi s-socjeta` konvenuta nterpellata biex thallas, baqghet inadempjenti.

Illi l-Prokuratur Legali Noel Scerri huwa mpjegat tas-socjeta` GO p.l.c. u jaf b’ dawn il-fatti personalment.

Ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici tablet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-**artiolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sittax-il elf mitejn u erbatax- il ewro tmienja u sebghin centezmu (€16,214.78) rapprezentanti ammont dovut ghas-servizz moghti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta skont id-dokumenti annessi markati Dok “B”, “C”, “D” u “E”.

Bl-ispejjez, tal-prezenti, dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u tal-ittra ufficjali datata 17 ta’ Marzu 2008 mibghuta *ai termini* tal-**artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** u bl-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra ufficjali u cioe` mis-17 ta’ Marzu 2008, kontra s-socjeta` konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat b’dan li l-imghax jibda jiddekorri mis-16 ta’ Marzu 2010, u l-Prokuratur Legali Noel Scerri ghas-socjeta` attrici qabel li s-sentenza tinghata f’ dan is-sens.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta t-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ppruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b'dan li l-imghax jiddekorri mid-data tal-gurnata tar-rikors pprezentat fis-16 ta' Marzu 2010 sal-effettiv pagament, kif qablu l-partijiet fil-verbal tas-seduta tallum 15 ta` Gunju 2010.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------